MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2003

Citazzjoni Numru. 682/2003

**Direttur ta' l-Artijiet**

**Vs**

**Alfred Cardona**

**Il-Qorti.**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Vince Miceli, datat 11 ta' Jannar, 1989, l-attur ikkonceda lill-konvenut Alfred Cardona permezz ta' titolu ta' enfitewsi temporanju ghal-hamsin sena, s-sit gewwa Qalet Marku Bahar ic-Caghaq, limiti tan-Naxxar, tal-kejl circa tlett elef, sitt mija u tnejn u erbghin metri kwadri (3642m2).

Premess illi ai termini tal-klawzola numru wiehed (1), ta' l-imsemmija koncessjoni enfitewtika, l-konvenut kellu

jhallas is-somma ta' elf u mitejn lira Maltija, (Lm1,200), fis-sena bhala cens, liema cens huwa pagabbli kull sitt xhur, bil-quddiem, u dan b'effett mill-14 ta' Novembru, 1998.

Premess illi sa llum, il-konvenut ghadu qatt ma hallas ic-cens dovut minnu mill-14 ta' Novembru, 1988.

Premess illi nterpellat diversi drabi permezz t'ittri ufficjali, l-konvenut baqa' inadempjenti

Premess illi s-somma komplessiva ta' cens illum tammonta ghall-sittax-il elf u tmien mitt lira Maltija (Lm16,800), dovuti sat-13 ta' Novembru, 2002.

Premess illi ghalhekk il-konvenut ghandu jaghti lill-attur somma akbar milli jgibu c-cnus ta' tlett snin.

Ghaldaqstant l-attur talab lil din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportun:

1. Tordna li jinhall l-enfitewsi temporanju, koncess mill-attur favur il-konvenut, nhar il-11 ta' Jannar, 1989, fl-Atti tan-Nutar Vince Miceli, u

2. Tordna lill-konvenut irodd lura l-fond bil-miljoramenti, lill-attur, u

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur, is-somma komplessiva ta' sittax-il elf u tmien mitt lira maltija (Lm16,800), dovuti bhala arretrati ta' cens.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali, inkluzi dawk ta' l-ittri ufficjali prezentati, kontra l-konvenut, li minn issa huwa ngunt ghas-subizjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda ta' l-attur;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenut li naqas li jipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqa' kontumaci;

Semghet ix-xhieda ta' l-attur;

Semghet l-avukat tas-socjeta’ attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumaci tal-konvenut tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------